**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU SITTA U GĦOXRIN**

**26 ta' APRIL, 2017**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjur Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Grima, u l-Kunsilliera Dr Jean Pierre Attard, is-Sinjorina Tiffany Ann Farrugia, s-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Pierre Farrugia, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur David Abdilla u s-Sur Dino Bonnici.

**ASSENTI**

Il-Kunsilliera Dr Jean Pierre Attard u s-Sur Kenneth Farrugia infurmaw li ma setgħux jattendu minħabba li kien imsiefer u minħabba xogħol rispettivament.
Il-Kunsill aċċetta li l-iskuża tal-Kunsillieri. **Dok 1 u 2 mehmuża.**

**Ambaxxatur taż-Żgħażagħ**

Is-Sur Kaydem Schembri.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppresjeda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **26.1** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| | | |
| 26.1.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-ħamsa u għoxrin –il seduta. |
| | | |
| ***26.2*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA, U TAL-LAQGĦAT ANNWALI U TAL-KUNSILL LOKALI ŻGĦAŻAGĦ*** |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| 26.2.1 | | Ġew approvati l-minuti numru 35 tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra. |
| | | |
| 26.2.2 | | Ġew approvati l-minuti numru 25 u 26 tal-Kunsill Lokali żgħażagħ.<br>Is-Sur Kaydem Schembri informa lill-Kunsill li reġgħu ħarġu fondi li l-Kunsill Lokali Żgħażagħ jista japplika għalihom biex jagħmel xi tip ta' proġett li jammonta għal mhux aktar minn 3,000Euro.<br><br>Is-Sur Kaydem Schembri f'isem il-Kunsill Lokali Żgħażagħ ippropona li jsiru qsari bi pjanti ġodda fi Triq il-Wied (il-promenade). Il-Kunsill infurmah li tali triq taqa' taħt ir-responsabilta' tal-Gvern Ċentrali u għalhekk ikun aktar għaqli li jkun issuġġeriet post/proġett ieħor.<br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato ppropona li jgħin lill-Kunsill Lokali Żgħażagħ fil-proposti tagħhom u jinġabru stimi tal-proġett. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 26.2.3 | | Ġew approvati l-minuti li saru fuq Festa Ħut. |
| | | |
| ***26.3*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR*** |
| | | |
| 26.3.1 | | Ġew approvati l-minuti numru 43, 44 u 45 tal-Kumitat Regjonali Nofsinhar. |
| | | |
| | | |
| | | |
| ***26.4*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 26.4.1 | | Is-Sindku informa li fejn illum hemm il-bankina quddiem Step In confectionery kien hemm żewġ ħofor tal-festi li jintużaw miż-żewġ każini. Perusni li jarmaw Triq Inglott f'isem l-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria qed itolbu permess lill-Kunsill biex iħaffru żewġ ħofor ġodda għall-armar tal-festa u li jkunu jistgħu jintużaw miż-żewġ għaqdiet.<br><br>Kien hemm qbil li l-Kunsill jagħti permess biex jiġu mħaffra żewġ toqob taħt il-bankina fit-triq imsemmija. |
| | | |
| 26.4.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill irċieva talba biex tinżabar siġra taż-żebbuġ li qed tagħtti in-niċċa tal-Madonna tal-Karmnu li tinsab fi Triq San Ġorġ.<br><br>Kien hemm qbil li jitqabbad il-kuntrattur tal-Kunsill biex jiżbor tali siġra. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| 26.4.3 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet numru ta' emails li saru bejna, bejn l-avukat tal-Kunsill u l-Avukat Jonathan Spiteri f'isem Paul Zammit li għandu sekwestru mill-Kunsill minħabba li ma kienx ħallas l-ammont ta' 4,495Euro f'citazzjonijiet.<br>Kien hemm qbil li għalkemm l-Avukat Spiteri ssuġġerixxa li l-klijent tiegħu jħallas l-ammont ta' 1,000Euro minflok 4,495Euro, minħabba li tali ċitazzjonijiet kienu doppji u l-vettura ma baqgħetx tajjat lill-klijent tiegħu, u minkejja li l-Avukat tal-Kunsill ta l-parir, li l-Kunsill jaċċetta s-somma ta' 1,000Euro, il-Kunsill jitlob lill-Avukat, li l-Kunsill lest li jaċċetta s-somma ta' 2,250Euro minflok 4,495Euro, biex iwaqqa s-sekwestru. Dan minħabba li l-argumenti li ġab l-avukat Spiteri, kien imissu għamilhom fiż-żmien ta' meta ingħataw it-taħrikiet u mhux snin wara. |
| | | |
| 26.4.4 | | Is-Sindku |
| | | |
| | | |
| ***26.5*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 26.5.1 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li llum kien ser jistaqsi lill-Kunsill jekk kellux xi komunikat fuq ix-xogħol wieqaf fi Vjal ix-Xarolla. Imma fi triqtu lejn is-seduta nnota li llum reġa beda xi movument ta' xogħol. |
| | | |
| 26.5.2 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li fil-21 ta' Mejju, 2017 iż-Zurrieq FC u ż-Zurrieq Wolves ser jiffirmaw ftehim biex jingħaqdu bħala klabbs. Għal dan il-ftehim ser ikun mistieden il-Kunsill kollu. |
| | | |
| 26.5.3 | | Il-Kunsillier Pierre Farrugia staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv fuq jekk kienetx tkellmet ma' sid l-Step In Confectionery ta' Triq Inglott, fuq il-fustun li għamel fil-wisa' tat-triq.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li hi kienet tkellmet mas-sid u hu infurmha li l-fustun jixgħel abjad u mhux kulur ieħor u jekk il-Kunsill jitolbu li jneħħieħ ma jsibx diffikulta li jobdi l-ordni tal-Kunsill.<br>Wara diskussjoni kemm fuq l-imsemmi fustun u kemm fuq fustuni/tabelli oħra, li għandhom ċerti ħwienet, kien hemm qbil li tali fustun jitħalla kif tħallew affarijiet oħra ta' ħwienet differenti. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 26.5.4 | | Il-Kunsillier Pierre Farrugia talab lis-Segretarju Eżekuttiv tagħddi kopja tal-Kuntratt li l-Kunsill għamel fuq il-berġa tas-saħħa u l-kontijiet li l-Kunsill ħallas sa issa fuqha.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv ser tagħddi l-informazzjoni meħtieġa b'email lill-Kunsill kollu. |
| | | |
| 26.5.5 | | Il-Kunsillier Pierre Farrugia talab lis-Segretarju Eżekuttiv rendikont tal-kontijiet li ħallas il-Kunsill fuq Dar Mattia Preti waqt li din qed tintuża mil-LEAP u jekk l-Gvern Ċentrali rrifondiex xi fondi minnhom.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv ser tagħddi l-informazzjoni meħtieġa b'email lill-Kunsill kollu. |
| | | |
| ***26.6*** | | ***Approvazzjoni: Xogħlijiet u Servizzi*** |
| | | |
| 26.6.1 | | Is-Sindku talab biex isiru żewġ bollards fi Triq il-Kunċizzjoni, fejn bħalissa hemm linji sofor. Dan minħabba li l-vetturi xorta qed jipparkjaw fuq il-linji sofor, għalkemm saru diversi rapport.<br>Kien hemm qbil li tintalab l-approvazzjoni ta' Transport Malta fuq dan ir-rigward. |
| | | |
| 26.6.2 | | Is-Sindku nforma li hemm kaptelli imkissra fi Vjal il-Blue Grotto quddiem il-bus shelter. Kien hemm qbil li jiġi ordnat ix-xogħol meħtieġ. |
| | | |
| | | |
| **26.7.1** | | ***Aġġudikazzjoni ta' Sejħa għall-offerti ODG67/01/2017 – Out door gym*** |
| | | |
| 26.7.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li fl-għeluq tat-tenders fit-3 ta' April, 2017, ġew sottomessi żewġ offerenti li huma:<br>ROAD MAINTENANCE SERVICES LTD - €15,798.37<br>U<br>GOKKER LTD - €15,913.69<br>Hi infurmat li l-Kunsilliera Ignatius Farrugia, Pierre Farrugia, Tiffany Ann Farrugia, Joseph D'Amato u Dino Bonnici flimkien mas-sotto kumitat sports u l-Perit evalwaw id-dokumenti u l-prezzijiet.<br><br>Kien hemm qbil li l-orħos offerent jieħu x-xogħol ta' din it-tender u ż-żewġ offerenti jiġu mgħarrfa bid-deċiżjoni tal-Kunsill. |
| | | |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***26.8*** | | ***Kuntratti- Zurrieq FC u Zurrieq Wolves ASC*** |
| | | |
| 26.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv resqet żewġ kuntratti li waslu biex jiskadu.<br><br>Kuntratt li l-Kunsill Lokali kellu maż-Żurrieq FC jirrigwardja d-dixxiplina tal-football biex atleti ta' bejn il-ħames snin u t-tlettax –il sena jiġu introdotti u imħarġa fid-dixxiplina matul l-istaġun tal-football. Il-Kunsill iħallas €200 għall-kull staġun (tlett pagamenti fis-sena).<br>Kuntratt li l-Kunsill Lokali kellu maż-Żurrieq Wolves hu ta' Skola Sajf li sservi sabiex student ta' bejn l-ħames snin u l-ħdax –il sena jiġu mħarġa f'dixxiplini sportivi varji matul ix-xhur tas-sajf. Il-ħlas tal-Kunsill hu ta' €400 kull Sajf.<br><br>Kien hemm qbil li l-Kunsill iġedded l-istess kuntratti bl-istess kriterji għal- tliet snin oħra li jibdew mis-sena 2018 sas-sena 2020. |
| | | |
| **26.9** | | ***Kuntratt – Garage tan-Nigret*** |
| | | |
| 26.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill, li l-Kuntratt li l-Kunsill għandu mas-Sur Anthony Farrugia fuq il-garaxx li l-Kunsill qed juża bħala store fin-Nigret u li jgħalaq f'Ottubru, ġie diskuss mas-sid, fejn dan informa li lest li jħalli l-kirja bl-istess prezz tal-aħħar pagament jiġifieri €1,723.78, imam jiżdied b'€100 fis-sena minflok b'€46.59 fis-sena.<br><br>Kien hemm qbil li l-Kunsill jagħmel kuntratt ta' għaxar snin oħra bl-istess kundizzjonijiet u bil-prezz imsemmi. |
| | | |
| | | |
| ***26.10*** | | ***Audited Financial Statemens 2016*** |
| | | |
| 26.10.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-Audited Financial Statement 2016 imressqa mill-Awdituri Ġenerali.<br>Dawn ġew approvati biex jiġu ffirmati u mgħotija lura sa' nhar il-Ġimgħa 28 ta' April. |
| | | |
| | | |
| ***26.11*** | | ***Rapport finanzjarju ta' kull kwar – l-Ewwel kwart*** |
| | | |
| 26.11.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rapport finanzjarju tal-ewwel kwart tas-sena li hu imħejji mill-accountant tal-Kunsill s-Sinjura Doreen Calleja. Dan ġie approvat biex jiġi uploaded fis-sit tal-Kunsill. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| *26.12* | | *Bankina Vjal ix-Xarolla k/m Sqaq Barcellona* |
| | | |
| 26.12.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li persuna qed tallega li l-bus stop li hemm fi Vjal ix-Xarolla u l-bankina tal-madwar tinsab fil-propjeta' tagħha, u din trid li kemm il-bus stop numru 1472 u kemm il-bankina jkunu rtirati 'l barra mill-propjeta tagħha. Is-Segretarju Eżekuttiv tablet l-għajnuna tal-Perit tal-Kunsill fuq il-każ, fejn dan talab verifika mill-Awtorita' tal-Ippjanar.<br><br>Kien hemm qbil li l-Kunsill jinforma lil sid l-art li l-Kunsill ser jistenna linja gwida mingħand il-perit u jitlob biex l-imsemmija art tkun imnaddfa fl-immedjat. |
| | | |
| *26.13* | | *TCTC – Kors fir-Robotika* |
| | | |
| 26.13.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill irċieva proposta mill-Kumpanija TCTC biex isir kors ġdid għad-tfal bl-isem ta' 'Roboticanation'. Għal dan il-kors jistgħu jinkitbu tfal ta' bejn il-ħames u t-tnax –il sena u jkun mifrux fuq sajf sħieħ. Il-kors jiswa lill-Kunsill €1150 u dawk li ser jinkitbu ser iħallsu €50 li jinkludu n-noti ukoll.<br><br>Ma kienx hemm qbil li jsir tali kors fil-propjeta tal-Kunsill Lokali, iżda jitkompla l-kors tal-ECDL li qed isir kull sena. |
| | | |
| *26.14* | | *Festa Ħut u Jum iż-Żurrieq* |
| | | |
| 26.14.1 | | Is-Sindku nforma li saru diversi laqgħat fuq l-attivitajiet ta' Jum iż-Żurrieq u Festa Ħut.<br>Il-Kunsillier Pierre Farrugia li hu l-Kunsillier inkarigat mill-attivitajiet qal li bażikament ser isiru l-istess attivitajiet li saru s-sena l-oħra.<br>Il-Kunsill ġie nfurmat li ġew ordnati l-istands għal Festa Ħut, l-parati mill-iscouts, re enactment tal-bandu u affarijiet oħra li għad iridu jkunu kkonfermati.<br>Kien hemm qbil li l-għaqdiet ikunu mħallsa tal-antarjoli li ser jarmaw.<br><br>Is-Sindku talab l-għajnun ta' kull kunsillier minħabba li tali attivitajiet jinvolvu ħafna xogħol. |
| | | |
| *26.15* | | *KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI* |
| | | |
| 26.15.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 2** għall-ammont totali ta' |

| | | |
|---|---|---|
| | | **€85,145.37**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u l-Viċi Sindku Rita Grima u mill-Kunsillier Pierre Farrugia.<br><br>Il-Kunsillier David Abdilla wasal għas-seduta fis-19:00 |
| | | |
| ***26.16*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 26.16.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-20:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 24 ta' Mejju, 2017 fis-6.00 ta' filgħaxija. |
| | | |

Konfermati, illum 24 ta' Mejju, 2017.

IFFIRMAT IFFIRMAT

Ignatius Farrugia
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**